**Meta tista' tkun Emerġenza Medika, l-Epilessija?**
Aċċessjoni konvulżiva f'persuna li ma għandha l-ebda emerġenza medika, tieqaf wara ftit hin ta' serħan. Dan it-tip ftit li xejn ikollu bżonn ta' għajnuna. Kull tant iżda, ma tiqafx weħidha u kif rajna qabel, hemm diversi kundizzjonijiet mediċi barra mill-epilessija li jikkaġunaw aċċessjonijiet. Dawn jinkludu:

- Dijabete.
- Infezzjoni fil-moħħ.
- Eżawriment minħabba sħana.
- Tqala.
- Avvelenament
- Ipogliċemija
- Deni qawwi
- Daqqa jew ferita fir-ras

Meta l-attakk ikun kontinwu, jew hemm wieħed minn dawn il-kundizzjonijiet, ikun hemm bżonn ta' attenzjoni medika immedjatament.

**Iċċempilx għal Ambulanza:**

Jekk ma jkunx hemm bżonn: wieħed għandu jevita li jċempel ambulanza għax barra li dan is-servizz jiswa ħafna flus, ikun qiegħed inaqqas is-servizz lil xi ħadd li għandu bżonn aktar immedjat. Dawn il-punti għandhom jgħinuk tiddeċiedi.

- Jekk il-persuna jkollha fuqha xi identità medika li tgħid "epilessija".
- Jekk l-aċċessjoni tieqaf fi żmien anqas minn ħames minuti.
- Jekk il-persuna tiġi f'tagħha mingħajr inċidenti oħra.
- Jekk ma hemm ebda sinjal ta' daqqa jew ferita fiżika jew mentali kif ukoll tqala.

**Għandek iċċempel għal Ambulanza jekk:**

- L-aċċessjoni saret fl-ilma
- Il-persuna ma għandha l-ebda identità medika u minħabba f'hekk inti ma tistax tkun taf jekk l-aċċessjoni hix waħda ta' epilessija.
- Il-persuna tqila b'tarbija, weġġgħat jew dijabetika.
- L-aċċessjoni ddum aktar minn ħames minuti.
- Aċċessjoni waħda wara l-oħra.
- Il-persuna ma tibdiex tisteqjer wara l-waqfien tar-rogħda.
- Jekk l-ambulanza tilħaq tasal wara li l-persuna tkun stejqret, dejjem għandek tistaqsiha jekk l-aċċessjoni hix waħda ta' epilessija u jekk għandhiex bżonn ta' kura medika.

## CARITAS
## MALTA EPILEPSY ASSOCIATION

Caritas Malta Epilepsy Association ġiet imwaqqfa fl-1996, l-ewwel fi ħdan il-Caritas, bil-għajnuna ta' Dr Janet Mifsud PH.D. Din l-assoċjazzjoni kienet imwaqqfa bil-għan li tgħin lill-persuni li jbatu bil-kundizzjoni ta' l-epilessija u l-familji tagħhom. Dan isir billi l-ewwel ngħinuhom jaċċettaw din il-kundizzjoni, u b'hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajja hienja u normali.

Fil-mument l-assoċjazzjoni għandha 'l fuq minn 200 membru, li minnhom xi 150 ibatu bl-epilessija. Huwa stmat li f'Malta u Għawdex hemm iktar minn tlett elef persuna li jbatu bl-epilessija. Il-grupp huwa membru ta' l-International Bureau of Epilepsy.

Darba fix-xahar ikollna laqgħa għall-membri. Nixtiequ navżaw li dak li jingħad fil-laqgħa jibqa' kunfidenzjali u m'għandux jingħad barra. Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntatjaw lil:

**Caritas Malta**
**Epilepsy Association**

Tel: 233933 - 245358 - 2590 6600 - 3290 2845

CARITAS MALTA
EPILEPSY
ASSOCIATION
5 Lion Street, Floriana
Tel: 233913 - 245358

# L-EPILESSIJA

## Tista' Tgħix
## Ħajja Normali

INFORMAZZJONI

EPILESSIJA

# L-EPILESSIJA

*Introduzzjoni*

Ghandna 2000 raġuni ghaliex qed niktbulkom dan il-ktejjeb. Daqshekk hawn Maltin li jbatu bl-epilessija. Kapaċi tiltaqa' ma' bosta minn dawn in-nies kuljum u ma tindunax. Ħlief għal meta jagħtihom attakk ta' aċċessjoni, jidhru bħal ħaddieħor. Hawnhekk ukoll, mhux dejjem tagħraf dak li qed tara, għax ma tkunx taf li dawk il-mossi u movimenti li jkun qed jagħmel l-individwu huma kkaġunati minn xi kundizzjoni medika temporanja.

Minħabba nuqqas ta' tagħrif għandek mnejn tieħu azzjoni li biha iktar tagħmel ħsara milli ġid.
F'dan ir-rigward, jekk inti xi ħadd li tagħmilha ma' ħafna nies u qatt ma tgħallimt l-ewwel għajnuna (first aid) fuq l-epilessija, dan il-ktejjeb, fil-qosor, għandu jgħallmek tagħraf attakk ta' epilessija kif ukoll x'għandek tagħmel.

## X'inhi l-Epilessija?

L-Epilessija hija kundizzjoni newroloġika. Hija terminoloġija li tħaddan 20 tip ta' diżordni aċċessjonali kkaġunat minn tibdil qasir u temporanju tal-funzjoni elettronika tal-moħħ.

Dawn il-funzjonijiet ħżiena ta' ftit ħin ifissru li bejn iċ-ċellolli tal-moħħ, tgħaddi enerġija elettrika aktar qawwija min-normal. Dan jista' jaffettwa parti żgħira tal-moħħ jew is-sistema kollha.
Għalkemm ma tistax tara x'inhu jiġri ġewwa l-moħħ, xorta waħda tista tara l-movimenti strambi tal-ġisem, l-effett fuq il-konxju u l-imġiba li qed tiġi kkaġunata minn dik il-parti tal-moħħ li qed tiffunzjona ħażin. Dawn it-tibdiliet jissejħu aċċessjonijiet.

Hemm numru ta' kundizzjonijiet ta' saħħa li jistgħu jikkaġunaw aċċessjoni. Ma' dawn insibu li persuna minn kull mija tbati minn aċċessjonijiet rikurrenti li jissejħu epilessija. Fl-adulti l-epilessija tista' tkun riżultat ta' korriment fir-ras - bħal f'xi ħabta bil-karozza - jew tkun ġejja minn tfulithom.
Tajjeb li wieħed ifakkar li l-epilessija ma tittiehidx. fl-ebda età.

## Tipi ta' Aċċessjonijiet.

Il-forma li tieħu l-aċċessjoni tiddependi fuq liema parti tal-moħħ mhux tiffunzjona tajjeb, kif ukoll fuq kemm hi kbira l-parti tal-moħħ effettwata.
Meta wieħed jisma l-kelma epilessija, normalment wieħed jassoċjaha ma' aċċessjonijiet 'toniċi kloniċi' li waqthom l-individwu jsofri kunvulżjonijiet, spażmi muskolari u telfien minn sensih. Forom oħra ta' aċċessjonijiet huma:
*Absence seizure, jew aċċessjoni assenti*, fejn l-individwu jiċċassa fil-vojt għal ftit sekondi. Dan it-tip huma l-aktar komuni fit-tfal.
*Partial seizure jew aċċessjoni parzjali*, li tirriżulta f'movimenti involontarji ta' l-idejn u s-saqajn, sensazzjonijiet distorti. jew perjodu ta' movimenti awtomatiċi waqt li l-individwu ma jkunx jaf x'inhu għaddej.
La darba dawn l-aċċessjonijiet għandhom effetti differenti, daqs tant ieħor ikun hemm bżonn ta' azzjonijiet differenti mill-pubbliku. Uħud minnhom ma għandhom bżonn l-ebda intervent.

Tgħid tista' tkun Epilissija?
Tabib biss jista' jgħid jekk wieħed jew waħda għandhiex l-epilessija. Ħafna nies ma jagħrfux sinjali sottili tal-kundizzjoni u għalhekk jitilfu l-opportunità ta' dijanjożi u trattamenti bikrija. Hawn taħt imniżżlin indikazzjonijiet ta' epilessija, għalkemm jistgħu jkunu kkawżati minn xi ħaġa oħra li ma għandhiex x'taqsam. Jekk aktar minn indikazzjoni waħda hija preżenti, allura jkun hemm bżonn li wieħed ikellem tabib u jagħmel eżami mediku.

- Perjodi ta' telf ta' sens (blackouts) jew memorja konfuża.
- Perjodi qsar ta' telf ta' sens li waqthom wieħed jitlef il-kontroll fuq il-bużżieqa ta' l-awrina u l-imsaren. Wara, wieħed iħossu għajjien ħafna.
- Fit-tfal, episodji qsar li waqthom jiċċassaw u ma jirrispondux għal mistoqsijiet jew istruzzjonijiet.
- Fit-tfal, waqgħa għall-ebda raġuni.
- Waqtiet li fihom il-persuna tteptep l-għajn jew tomgħod fil-vojt.
- Konvulżjonijiet akkompanjati jew le bid-deni.
- Fit-trabi, ġemgħat ta' movimenti mgħaġġla.

## Għarfien ta' Aċċessjoni u l-Ewwel Għajnuna.

Importanti ħafna li wieħed jagħraf attakk ta' epilessija u jkun jaf x'għandu jagħmel. Faċli li wieħed jiżbalja dan l-attakk ma' ieħor ikkaġunat minn xi kundizzjoni oħra bħal dik ta' abbuż ta' drogi jew alkoħol.

## X'għandek tagħmel?

Minħabba li konvulżjoni tista' tixbaħ attakk ta' qalb, tista' tintuża teknika CPR fejn din m'hemmx bżonnha.
F'każ ta' konvulżjoni, importanti li wieħed iżomm ruħu kalm. Kun ċert li l-individwu mhux viċin ta' xi periklu bħal xi ħġieġ, nar, elettriku u affarijiet oħra li bihom jista' jweġġa'.

- Ressaq lill-individwu 'l bogħod minn dawn.
- Osserva dawn ir-regoli li ġejjin u ħalli l-attakk iseħħ waħdu.

1. Poġġi mħadda (xi ġakketta mitwija) taħt ir-ras, iżda tipprovax iżżomm il-movimenti tal-ġisem.
2. Qatt ma' għandek tpoġġi xi ħaġa bejn is-snien.
3. Ħoll xi ħwejjeġ ma' l-għonq li jistgħu jkunu magħfusin.
4. Ma għandekx għalfejn iċċempel għal ambulanza jew tabib jekk ma tissuspettax (aċċessjoni twila aktar min-normal) 'status epilepticus'.
5. L-ewwel ċans li jkollok, dawwar lill-persuna fuq ġenbu\ha f'pożizzjoni ftit inklinata biex tgħinu\ha jieħu n-nifs u jiġi f'tiegħu. Imsaħ xi bżieq minn mal-ħalq.
6. Wara li tistejqer, il-persuna tkun xi ftit konfuża - jekk tista' oqgħod ftit miegħu għall-wens.

## L-Ewwel Għajnuna f'Ċirkostanzi Speċjali bħal:

### Aċċessjoni fl-Ilma

F'każ ta' attakk fl-ilma, il-persuna għandha tinħareġ minnufih mill-ilma filwaqt li l-wiċċ u r-ras jinżammu 'l fuq mill-wiċċ ta' l-ilma. Kif tasal fuq l-art, ara jekk hux qed jieħu nifs u jekk le, għandek tibda minnufih ir-respirazzjoni artfiċjali. Persuna li taħa attakk fl-ilma għandha tittieħed għal eżami mediku anke jekk tidher li rkuprat sew. Dan minħabba li jekk belgħat xi ilma, dan jista' jkun ta' ħsara għall-qalb u għall-pulmun.

### Aċċessjoni fl-Ajruplan

Jekk l-ispazju jippermeti, il-persuna għandha tiġi mimduda fuq ġenbu\ha fuq żewġ seats.
Kif terġa tistejqer, għinha bilqiegħda fuq seat wieħed bid-dahar imniżżel.
F'każ li ma jkunx hemm spazju, niżżel id-dahar tas-seat tagħha u meta tirrilassa ftit, dawwar il-persuna bil-mod fuq ġenbha.
Dejjem għandek tara li r-ras ma taħbat ma' ebda ħaġa iebsa. Għalhekk għandek tpoġġi xi gvieret jew imħaded biex tilqa'. Ħu ħsieb li l-angolu tar-ras u tal-ġisem ma jostakolawx il-passaġġi tan-nifs.

### Aċċessjoni fuq Xarabank

Medd il-persuna fuq ġenbha u għamel l-istess proċedura kif semmejna fuq. La darba tiġi f'tagħha, il-persuna tista' tkompli l-vjaġġ tagħha, jekk tkun tixtieq.